4 ta' Lulju, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;

Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Maestà tar-Reġina *versus* Ganni Caruana

## "New Trail" — Provi — Dokumenti — Verdett — Nullità — Minorenni — Attijiet tal-Kumpilazzjoni — Art. 498, 591 (4), u 466 (1) tal-Kodiċi Kriminali

*L-akkużat jista' jitlob kawża mill-ġdid jekk, f'kawża li fiha l-Qorti tkun b'Imħallef wieħed, l-Attorney General, għalkemm l-akkużat ikun għamel oppożizzjoni, ikun ġieb provi li skond il-liġi ma setgħux jinġiebu, inkella l-akkużat stess ikun ġie mpedut mill-Qorti li jġib, għaliex minnha kunsidrati inammissibbli, provi li skond il-liġi setgħu jinġiebu.*

*Fil-każ ta' akkuża dwar korruzzjoni ta' minorenni kommessa minn missier b'abbuż tal-patrija potestà, jekk, wara l-verdett tal-ġurati li jiddikjarawh ħati tad-delitt dedott kontra tiegħu, l-akkużat jitlob li ssir kawża mill-ġdid fuq il-motiv li l-verdett tal-ġurati huwa eroneu in kwantu li l-ġurati rritenew li t-tfal minorenni, suġġett passiv tal-korruzzjoni, kienu tali in bażi għal dokumenti li ma kienux ammissibbli bħala prova għaliex kienu jiffurmaw parti minn attijiet ta' kumpilazzjoni nulli, in sostanza dak l-akkużat ikun qiegħed jibbaża l-allegata improduċibilità ta' dawk id-dokumenti fuq il-pretiża nullità tal-attijiet tal-istruttorja. Imma din in-nullità mhix ammissibbli, għaliex ma tidħol taħt ebda wieħed mil-każijiet li fihom il-liġi tassattivament tippermetti li l-attijiet ta' istruzzjoni jistgħu jiġu attakkati.*

*Kwantu għall-allegazzjoni tal-akkużat li hu ġie mpedut li jġib quddiem il-Qorti Kolleġjali l-eċċezzjoni tan-nullità tal-attijiet ta' istruzzjoni, la-*

*darba dawk l-attijiet ma setgħux jiġu mpunjati, ebda eċċezzjoni ta' nullità kontra tagħhom ma tista' tiġi sollevata; u għalhekk dik il-parti tad-dispożizzjoni tal-liġi li tippermetti l-għoti ta' kawża ġdida jekk l-Attorney General ikun ġieb provi li skond il-liġi ma setgħux jinġiebu ma hix applikabbli f'każ simili.*

*U ladarba l-akkużat ma jkunx ta ebda eċċezzjoni, fl-istadju proprju, fuq il-producibilità tal-provi mressqa mill-Attorney General, u lanqas jirrizulta li l-akkużat ġie b'xi mod impedut li jipproduċi xi provi li skond il-liġi hu seta' jġib, lanqas ma tista' tiġi eżawdita t-talba tiegħu għal kawża ġdida fuq il-motiv li l-Attorney General ġieb xi provi li skond il-liġi ma setgħux jinġiebu, inkella li l-akkużat stess ġie mill-Qorti mpedut li jġib, għaliex minnha kunsidrati inammissibbli, xi provi li skond il-liġi setgħu jinġiebu.*

Il-Qorti; — Rat in-nota tal-imsemmi Ġanni Caruana, li biha talab proċess mill-ġdid ("new trail") għaliex (a) il-verdett tal-ġurati hu erroneu, in kwantu l-ġurati rritenew li Teresa u Rita Caruana huma minorenni in bażi għad-dokumenti prodotti, mentri dawn id-dokumenti ma kienux ammissibbli in prova, peress li kienu jiffurmaw parti minn attijiet ta' istruttorja nulli, (b) u għaliex l-akkużat ġie mpedut minn din il-Qorti, kif allura presjeduta, li jġib il-quddiem bħala eċċezzjoni preliminari — konoxxibbli mill-Qorti Kelleġjali — l-eċċezzjoni tiegħu ta' nullità tal-attijiet tal-istruttorja;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, wara li ġie moqri l-att tal-akkuża, l-akkużat, per mezz ta' nota, eċċepixxa n-"nullità tal-att tal-akkuża inkwantokkè bażat fuq attijiet ta' istruttorja nulli, peress illi l-azzjoni ma setgħetx titmexxa 'ex officio'", għaliex f'dan il-każ l-akkużat tilef 'ipso jure' il-patrija potestà minħabba li ma għamelx l-inskrizzjoni ipotekarja preskritta mill-liġi

fiż-żmien tal-liġi, u ma talabx mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili r-reintegrazzjoni fid-drittijiet tal-patrija potestà li tilef, u għalhekk ma jistax jingħad illi l-att allegat sar b'abbuż ta' patrija potestà li ma kienetx teżisti". B'nota, l-Attorney General oppona dik l-eċċezzjoni bħala infondata; u din il-Qorti, kif allura presjeduta b'Imħallef wieħed, wara li rriżervat lill-akkużat is-sottomissjoni, fl-istadji ulterjuri tal-kawża skond il-liġi, ta' kull kwistjoni rilevanti għad-difiża tiegħu, iddikjarat u ddeċediet, preliminarment, illi l-eċċezzjoni, allegata mill-akkużat kontra l-att tal-akkuża, fir-realtà taċ-ċirkustanzi premessi, ma tammontax ġuridikament għal eċċezzjoni ta' nullità tal-att tal-akkuża, u għalhekk ordnat il-prosegwiment tal-kawża fl-istadji ulterjuri tagħha. Wara li ġie mogħti dan id-digriet, fuq domanda lilu magħmula mir-Reġistratur skond il-liġi, l-akkużat wieġeb li mhux ħati tad-delitti dedotti kontra tiegħu fl-att tal-akkuża. Ebda eċċezzjoni dwar il-provi ma ġiet imressqa. Ġew allura mtellgħin bix-xorti l-ġurati, ġie lilhom deferit il-ġurament, u ġie lilhom moqri l-att tal-akkuża. Il-Prosekuzzjoni għamlet ir-rekwiżitorja, u fl-istadju tal-provi qrat li "statement" magħmul mill-akkużat u żewġ ċertifikati tat-twelid eżibiti fl-atti tal-istruzzjoni, u ressqet ix-xhieda minnha prodotti. Wara, id-difensur tal-akkużat għamel id-difiża tiegħu, u qara l-kontenut ta' tliet dokumenti li ġew preżentati b'nota tas-26 ta' Ġunju 1957. Ebda xhud ma nġieb mid-difiża. Ġew rikjamati xi xhieda, u billi nqalgħet in-neċessità taxxhieda tagħha, ġiet inġunta biex tixhed, u fil-fatt xehdet, Giuseppa Sciberras. Wara li sar dan kollu, il-Qorti għamlet l-indirizz lill-ġurati, li bil-verdett tagħhom unanimament iddikjaraw lill-akkużat Ġanni Caruana ħati tad-delitt miġjub kontra tiegħu fl-ewwel u fit-tieni kap tal-att tal-akkuża. Malli ġie mogħti dan il-verdett, l-akkużat, b'nota, talab proċess mill-ġdid ("new trial"), għar-raġunijiet fl-istess nota msemmija u fuq riportati, u dan in bażi għad-dispożizzjonijiet kontenuti fl-ewwel u fit-tieni paragrafu tal-art. 498 tal-Kodiċi Kriminali;

Ikkunsidrat;

Illi, evidentement, il-każ in eżami għandu jiġi eżaminat taħt id-dispożizzjoni tat-tieni paragrafu tal-art. 498 (Kod. Krim.), billi l-ewwel paragrafu tal-imsemmi artikolu ma jsibx f'dan il-każ l-applikazzjoni tiegħu;

Skond l-imsemmi tieni paragrafu, l-akkużat jista' jitlob kawża mill-ġdid jekk, f'kawża li fiha l-Qorti tkun b'Imħallef wieħed, l-Attorney General, għalkemm l-akkużat ikun għamel oppożizzjoni, ikun ġieb provi li skond il-liġi ma setgħux jinġiebu, inkella l-akkużat stess ikun ġie mpedut mill-Qorti li jġib, għaliex minnha kunsidrati mhux ammissibbli, provi li skond il-liġi setgħu jinġiebu;

Illi l-ewwel motiv li fuqu hija bażata t-talba tal-akkużat huwa li l-verdett huwa erroneu in kwantu l-ġurati rritenew li Teresa u Rita Caruana huma minorenni in bażi għal dokumenti li ma kienux ammissibbli in prova għaliex kienu jiffurmaw parti minn attijiet ta' istruttorja nulli. In sostanża l-allegata improduċibilità ta' dawk id-dokumenti hija fondata fuq il-pretiża nullità tal-attijiet tal-istruzzjoni; iżda din in-nullità mhix ammissibbli, għaliex skond l-art. 591(4) (Kod. ċit.), l-attijiet tal-istruzzjoni jistgħu jiġu attakkati b'nullità biss fil-każi hemm tassativament enumerati, u li ebda wieħed minnhom ma jirrikorri fil-każ in eżami;

Illi, kwantu għat-tieni motiv allegat mill-akkużat, jiġifieri li ġie mpedut li jġib quddiem il-Qorti Kolleġiali l-eċċezzjoni tan-nullità tal-attijiet istruttorji — ladarba għar-raġuni miġjuba fil-paragrafu preċedenti, skond l-imsemmi art. 591(4), dawk l-atti ma setgħux jiġu mpunjati, ebda eċċezzjoni ta' nullità kontra tagħhom ma setgħet tiġi sollevata skond il-liġi;

Illi l-imsemmija dispożizzjoni tal-art. 498(2) tal-Kodiċi ċitat ma tistax tirċievi applikazzjoni f'dan il-każ; għaliex l-akkużat ma ta ebda eċċezzjoni fli-stadiu proprju (art. 466(1) tal-istess Kodiċi) fuq il-produċibilità tal-provi mress-

qin mill-Attorney General, u anqas jirrizulta li l-akkużat ġie b'xi mod impedut li jipproduċi l-provi li skond il-liġi seta' jġib;

Fis-sens fuq premess, u għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tirrespinġi t-talba tal-akkużat Ġanni Caruana għall-proċess mill-ġdid ("new trial"), u tordna li l-kawża tiġi rimessa lil din il-Qorti komposta minn Imħallef wieħed.